# Il-Linji Gwida tal-EALTA għal Prattika Tajba fl-Ittestjar u l-Evalwazzjoni fil-Qasam tal-Lingwa

Il-Kumitat Eżekuttiv tal-EALTA ħatar Grupp ta' Ħidma biex janalizza u jirrevedi l-abbozz ta' Kodiċi tal-Prattika li rċieva mill-Proġett ENLTA. Ix-xogħol ta' dan il-grupp kien li jiżviluppa kodiċi tal-prattika jew ġabra ta' linji gwida għal prattika tajba fl-ittestjar u l-evalwazzjoni kif jixraq lill-EALTA u l-missjoni tagħha.

Il-missjoni tal-EALTA hija mfissra kif ġej:

L-għan tal-EALTA hu li tippromwovi l-għarfien tal-prinċipji teoretiċi tal-ittestjar u tal-evalwazzjoni fil-qasam tal-lingwa kif ukoll it-titjib u t-tħaddim ta' prattiki komuni fl-ittestjar u fl-evalwazzjoni fl-Ewropa.

Il-prinċipji li mexa fuqhom il-Grupp ta' Ħidma fit-tifsil tal-Linji Gwida kienu dawn:

L-Ewropa hija kontinent multilingwi li għandu ħafna għal qalbu d-diversità tal-lingwi, tal-kulturi u tat-tradizzjonijiet. Il-pluraliżmu tas-sistemi edukattivi kif ukoll tat-tradizzjonijiet u tal-valuri tal-evalwazzjoni jagħmel parti minn din id-diversità.

Għaldaqstant, il-membri tal-EALTA sejrin jimpenjaw ruħhom li jsegwu l-prinċipji tat-trasparenza, tar-responsabbiltà u tal-kwalità kif jixraq fil-kuntesti partikolari tagħhom kif ukoll lill-oqsma ta' involviment professjonali tagħhom fl-ittestjar u l-evalwazzjoni fil-qasam tal-lingwa.

Fuq il-linji tal-istess politika ta' inklussività li tħaddan, l-EALTA tixtieq taqdi l-ħtiġijiet tal-membri tant diversi tagħha. Il-linji gwida tal-EALTA għal prattika tajba fl-ittestjar u l-evalwazzjoni huma, għalhekk, indirizzati qabelxejn lejn tliet udjenzi differenti: dawk involuti (a) fit-taħriġ tal-għalliema fl-ittestjar u l-evalwazzjoni, (b) fl-ittestjar u l-evalwazzjoni fil-klassi, u (ċ) fl-iżviluppar ta' testijiet għal servizzi jew ċentri nazzjonali jew istituzzjonali.

Għal dawn il-gruppi kollha, japplikaw għadd ta' prinċipji ġenerali: ir-rispett lejn l-istudenti/dawk li se joqogħdu għat-test, ir-responsabbiltà, l-ekwità, l-affidabbiltà, il-validità u l-kollaborazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati. Dawn il-prinċipji ġenerali ġew stabbiliti f'kodiċijiet ta' prattika li jeżistu f'dan il-qasam u li l-membri tal-EALTA huma mħeġġa jikkonsultaw sabiex ikomplu jaġġornaw il-professjonaliżmu u l-kwalità ta' xogħolhom. Nixtiequ nirreferuk għall-ħolqiet li ġejjin:

http://www.iltaonline.com
http://www.alte.org
http://www.qca.org.uk
http://www.apa.org/science/standards.html
http://www.apa.org/science/FinalCode.pdf

Il-linji gwida għal prattika tajba fl-ittestjar u l-evalwazzjoni fil-qasam tal-lingwa, imfassla mill-EALTA, huma dawn li ġejjin:

## A. Konsiderazzjonijiet għall-formazzjoni inizjali u kontinwa tal-għalliema fil-qasam tal-ittestjar u tal-evalwazzjoni

Il-membri ta' l-EALTA involuti fil-formazzjoni tal-għalliema fil-qasam tal-ittestjar u l-evalwazzjoni għandhom jiċċaraw għall-affari tagħhom u tal-partijiet involuti (dawk li qed jitħarrġu, għalliema prattikanti, dawk li jiżviluppaw il-kurrikuli) il-punti li ġejjin:

1. Kemm hi relevanti l-formazzjoni għall-kuntest ta' dawk li qed jitħarrġu fil-qasam tal-evalwazzjoni?
2. Dawk li qed jitħarrġu, kemm huma konxji mill-għażla ta' proċeduri differenti tal-evalwazzjoni addattati għall-ħtiġijiet tagħhom tal-preżent u tal-futur?
3. Kemm jiġu mgħaqqda l-prinċipji tal-ittestjar u l-evalwazzjoni (jiġifieri: validità, affidibbiltà, ekwità, impatt) mal-kuntest ta' dawk li qed jitħarrġu?
4. Fit-taħriġ, x'bilanċ hemm bejn it-teorija u l-prattika?
5. Dawk li qed jitħarrġu, kemm jiġu involuti fl-iżviluppar, l-esperimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-proċeduri tal-evalwazzjoni?
6. Dawk li qed jitħarrġu, kemm jiġu involuti fil-korrezzjoni u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-istudenti?
7. X'attenzjoni qed tingħata lill-analiżi kif jixraq tar-riżultati tal-evalwazzjoni?
8. Kemm qed jingħataw kas il-perspettivi ta' dawk li qed jitħarrġu, dwar kemm huma xierqa u eżatti l-proċeduri tal-evalwazzjoni?
9. Il-proċeduri użati biex jiġu evalwati dawk li qed jitħarrġu, kemm jirrispettaw il-prinċipji mgħallma lilhom?

## B. Konsiderazzjonijiet għall-ittestjar u l-evalwazzjoni fil-klassi

Il-membri tal-EALTA li huma involuti fl-eżaminar fil-klassi għandhom jiċċaraw għall-affari tagħhom u tal-partijiet involuti (partikularment l-istudenti u, kemm jista' jkun, il-ġenituri tagħhom) il-punti li ġejjin:

### 1. GĦAN(IJIET) U SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAL-EVALWAZZJONI

1. X'inhu l-iskop tal-evalwazzjoni?
2. X'relazzjoni hemm bejn l-iskop tal-evalwazzjoni u l-kurrikulu tat-tagħlim?
3. Hemm speċifikazzjonijiet tat-testijiet?
4. Il-kurrikulu kemm hu kopert mit-test?
5. Kif jixxandru u jiġu diskussi l-għanijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tal-evalwazzjoni?

### 2. PROĊEDURI TAL-EVALWAZZJONI

1. Min iħejji l-proċeduri tal-evalwazzjoni?
2. Kemm huma addattati għall-istudenti l-proċeduri tal-evalwazzjoni?
3. Kif tinġabar l-informazzjoni fuq it-tagħlim tal-istudenti?
4. Kif tiġi evalwata u merfugħa l-informazzjoni fuq it-tagħlim tal-istudenti?
5. Xi sforzi jsiru biex jiġi żgurat li r-riżultati tal-valutazzjoni jkunu eżatti u ekwi?
6. Xi sforzi jsiru biex jiġi inkuraġġit qbil bejn l-għalliema u bejn l-iskejjel differenti dwar il-proċeduri tal-korrezzjoni?
7. X'għamla ta' konsiderazzjoni tingħata l-perspettiva tal-istudenti dwar il-proċeduri tal-evalwazzjoni?

### 3. KONSEGWENZI

1. X'użu jsir mir-riżultati ta' l-evalwazzjoni?

2. X’azzjoni(jiet) se tittieħed/jittieħdu biex it-tagħlim jitjieb?
3. X’tip ta’ informazzjoni jingħataw dwar ir-riżultati l-istudenti?
4. Xi proċeduri hemm għall-istudenti jew dawk li jieħdu ħsiebhom jekk ikunu jridu jressqu lment jew jitolbu evalwazzjoni mill-ġdid?
5. X’inhuma l-konsegwenzi tal-proċeduri ta’ l-evalwazzjoni fir-rigward tal-prattiki tal-klassi?
6. X’inhuma l-konsegwenzi tar-riżultati ta’ l-evalwazzjoni fir-rigward ta’ l-istudenti?

## Ċ. Konsiderazzjonijiet għall-iżviluppar ta’ testijiet f’ċentri nazzjonali jew istituzzjonali għall-evalwazzjoni

Il-membri tal-EALTA involuti fl-iżvilupp ta’ testijiet għandhom jiċċaraw għall-affari tagħhom u tal-partijiet involuti (għalliema, studenti, il-pubbliku ġenerali) il-mistoqsijiet li jidhru hawn taħt. Barra minn hekk, dawk li jħejju t-testijiet huma mħeġġa jiddjalogaw ma’ dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-istituzzjonijiet u l-ministeri tagħhom biex jiżguraw irwieħhom li min jieħu d-deċiżjonijiet ikun konxju kemm mill-prattiki tajbin kif ukoll minn dawk ħżiena, sabiex tittejjeb il-kwalità tas-sistemi u tal-prattiki ta’ l-evalwazzjoni.

### 1. L-GĦAN U L-ISPEĊIFIKAZZJONI TAT-TESTIJIET

1. Kemm hu/huma speċifikat(i) b’mod ċar l-għan(ijiet) tat-test?
2. Kif tiġi affrontata l-possibbiltà ta’ użu ta’ testijiet b’mod inkorrett?
3. Il-partijiet involuti kollha ġew identifikati speċifikament?
4. Hemm speċifikazzjonijiet tat-test?
5. L-ispeċifikazzjonijiet ġew iddifferenzjati biex jingħata kas tat-tipoloġija tal-pubbliku?
6. Sar profil ta’ dawk li joqogħdu għat-test?
7. Ġew speċifikati l-kunċetti ipotetiċi meħuda bħala bażi għat-test jew għal parti/jiet minnu?
8. Saret deskrizzjoni tal-metodi/il-kompiti preżenti fit-test? U ngħataw eżempji?
9. Saret deskrizzjoni tal-medda tal-prestazzjonijiet tal-istudenti? U ngħataw eżempji?
10. Saret deskrizzjoni tal-kriterji tal-korrezzjoni u tal-gradazzjoni tal-marki?
11. Il-livell tat-test ġie speċifikat b’referenza għall-Qafas Komuni Ewropew ta’ Referenza (QKER)? Xi prova hemm ta’ dan?

### 2. IT-TĦEJJIJA TAT-TESTIJIET U T-TIFSIL TAL-MISTOQSIJIET

1. Dawk li jħejju t-testijiet u dawk li jfasslu l-mistoqsijiet għandhom esperjenza speċifika ta’ tagħlim fil-livell li timmira għalih l-evalwazzjoni?
2. X’formazzjoni rċivew dawk li jħejju t-testijiet u dawk li jfasslu l-mistoqsijiet?
3. Hemm linji gwida għat-tifsil tat-testijiet u l-kitba tal-mistoqsijiet?
4. Hemm proċeduri sistematiċi ta’ analiżi, ta’ reviżjoni u ta’ editjar tal-mistoqsijiet u tal-kompiti biex jiġi żgurat li dawn jaqblu mal-ispeċifikazzjonijiet tat-test u li jkunu konformi mal-linji gwida għat-tħejjija tal-mistoqsijiet?
5. X’reazzjoni jirċievu dwar xogħolhom dawk li jħejju l-mistoqsijiet?

### 3. KONTROLL TAL-KWALITÀ U ANALIŻI TAT-TESTIJIET

1. Xi proċeduri ta’ kontroll tal-kwalità jiġu applikati?
2. Isir studju pilota dwar it-testijiet?
3. X’inhu d-daqs normali tal-kampjun li jintuża fl-istudju pilota, u dan kif jikkompara man-numru ta’ dawk li joqogħdu għat-test?
4. X’informazzjoni tinġabar matul l-istudju pilota? (opinjonijiet tal-għalliema, opinjonijiet tal-istudenti, riżultati, ...)
5. Kif tiġi analizzata l-informazzjoni li tinġabar mill-istudju pilota?

6. Kif jintlaħaq ftehim dwar il-bidliet li jridu jsiru fit-test wara l-analiżi tal-evidenza miġbura fl-istudju pilota?
7. Jekk ikunu jeżistu verżjonijiet differenti tat-test (ngħidu aħna, minn sena għall-oħra), kif tiġi vverifikata l-ekwivalenza?
8. Dawk li jikkoreġu jirċievu formazzjoni kull darba li jsir it-test?
9. Fil-formazzjoni, il-prestazzjonijiet ta' dawk li joqogħdu għat-test jintużaw bħala mudell ta' riferiment?
10. Fejn il-korrezzjoni tagħti lok għas-suġġettività ssir korrezzjoni doppja sistematika? Tiġi kkalkulata l-affidabbiltà tal-marki mogħtija minn korretturi differenti u dik tal-marki mogħtija mill-istess korrettur/korrettriċi?
11. Isir monitoraġġ sistematiku tal-evalwazzjoni?
12. X'tip ta' analiżijiet statistiċi jsiru?
13. Liema riżultati jiġu rrappurtati? Kif u lil min?
14. Xi proċeduri hemm biex dawk li joqogħdu għat-test ikunu jistgħu jressqu l-ilmenti tagħhom jew biex jitolbu li jiġu evalwati mill-ġdid?

**4. IT-TMEXXIJA TAT-TEST**

1. Xi proċeduri hemm biex tiġi ggarantita r-regolarità?
2. Teżisti formazzjoni speċifika għal dawk li jmexxu t-test?
3. Isir monitoraġġ tat-tmexxija tat-test?
4. Isir rapport annwali tal-eżaminaturi, jew inkella wieħed kull sessjoni?

**5. REVIŻJONI**

1. Kemm jiġu rrikunsidrati u rriveduti ta' sikwit it-testijiet?
2. Isiru studji ta' validazzjoni?
3. Xi proċeduri hemm biex jiġi żgurat illi t-test jirrifletti l-bidliet li jsiru fil-kurrikulu?

**6. L-IMPATT**

1. It-test imfassal biex iġib bidla/bidliet fil-prattiki ta' evalwazzjoni li jintużaw bħalissa?
2. X'inhu l-impatt fuq dawn il-prattiki? Xi studji saru fuqu?
3. Jeżisti materjali ta' tħejjija għat-test?
4. L-għalliema huma mħarrġa biex iħejju lill-istudenti tagħhom għat-test/l-eżami?

**7. RABTA MAL-QAFAS KOMUNI EWROPEW**

1. X'evidenza hemm tal-kwalità tal-proċess li jintuża biex it-testijiet u l-eżamijiet jintrabtu mal-Qafas Komuni Ewropew?
2. Il-proċeduri rakkomandati fil-Manwal u fis-Suppliment ta' Referenza ġew applikati tajjeb?
3. Hemm xi rapport aċċessibbli għall-pubbliku fuq dan il-proċess ta' rbit mal-Qafas?

## <u>D. Rabta mal-Qafas Komuni Ewropew – QKE</u>

Ir-rabta mal-QKE huwa sforz kumpless, li ħafna drabi jista' jieħu l-forma ta' proġett li jiġi żviluppat matul numru ta' snin. Ir-rabta ta' eżaminar ta' testijiet ma' standard bħall-QKE jirrikjedi approċċ xjentifiku, u l-affermazzjonijiet iridu jkunu bbażati fuq ir-riżultati tar-riċerka u preferibbilment jiġu sottomessi għal evalwazzjoni bejn il-pari.

L-Istituzzjonijiet jew dawk li jipprovdu l-eżamijiet li jixtiequ jaffermaw rabta mal-QKE huma responsabbli għall-provvediment ta' evidenza konvinċenti biżżejjed għal din ir-rabta. Il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu utli biex tinġabar din l-evidenza.

Il-membri tal-EALTA involuti f'dan il-proċess ta' rbit ta' eżami mal-QKE għandhom jiċċaraw magħhom infushom u mal-partijiet interssati (għalliema, studenti, fassala tal-politika, il-pubbliku inġenerali):

1.Il-kwistjonijiet ta' kwalità u impatt tat-test ġew indirizzati bis-sħiħ? (ara t-Taqsima Ċ tal-Linji Gwida tal-EALTA). L-informazzjoni dwar il-kwalità tat-test hija disponibbli għall-pubbliku?
2. Dawk involuti fl-iżvilupp tat-test huma lkoll familjari mal-QKE? Kien segwit proċess ta' familjarizzazzjoni mal-proċeduri tal-QKE? X'evidenza hemm dwar il-proċeduri segwiti u r-riżultati korrispondenti?
3. Il-kontenut tat-test u l-ispeċifikazzjonijiet tat-test ġew analizzati fir-rigward tad-deskritturi tal-QKE? X'evidenza hemm tal-proċeduri segwiti u tar-riżultati korrispondenti?
4. Il-proċeduri tal-istandardizzazzjoni tlestew għall-prestazzjoni fil-kitba u fit-taħdit? Liema? Minn min? X'evidenza hemm tal-proċeduri segwiti u r-riżultati korrispondenti?
5. Il-kampjuni ta' prestazzjoni lokali li tqabblu mal-QKE huma disponibbli għall-pubbliku?
6. Il-proċeduri tal-istandardizzazzjoni tlestew għall-partijiet tat-test li jimmiraw lejn il-ħiliet riċettivi? Liema? Minn min? X'evidenza hemm tal-proċeduri segwiti u r-riżultati korrispondenti?
7. Il-partijiet u t-taħriġiet lokali marbutin mal-QKE huma disponibbli għall-pubbliku?
8. Xi proċeduri li jissettjaw l-istandards intużaw biex jiġu stabbiliti punteġġi ta' limitu għal-livell/i rilevanti tal-QKE? Kemm ġew involuti eżaminaturi? Hemm rapport tal-issettjar tal-istandards li huwa disponibbli għall-pubbliku?
9. Inġabret evidenza dwar il-validità li tkopri l-proċess tal-irbit? Tinsab disponibbli għall-pubbliku?
10. Hemm skema ta' kif ikunu ssettjati l-livelli li tiggarantixxi standards ta' kwalità u rbit mal-QKE? Tinsab disponibbli għall-pubbliku?
insab disponibbli għall-pubbliku?